**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel. Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 20 ta' Gunju, 2019

Rikors Guramentat numru : 259/15 AL

**A B**
**f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem tal-minuri C D b'digiret tal-Qorti tal-14 ta' Jannar 2016**
**v.**
**1. E F D (KI 57037A)**
**2. Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti żżewġu fis-Syria fl-ewwel jum ta' Awissu tas-sena elfejn u sebgħa (01.08.2007);

2. Illi dan iż-żwieġ jinsab irreġistrat f'Malta bin-numru ta' reġistrazzjoni progressiv elf sitt mija u ħamsa u tletin tas-sena elfejn u sebgħa (1635/2007), kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala "Dok A";

3. Illi fil-fatt il-kontendenti qatt ma għixu flimkien iżda sseparaw *de jure* fl-għaxra ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlettax (10.06.2013) b'kuntratt ta' separazzjoni personali viġenti bejniethom redatt minn Nutar Dottor Ruth Antoinette Grima, kopja ta' liema kuntratt tinsab hawn annessa u mmarkata bħala "Dok B";

4. Illi wara li nfirdu *de facto* iżda qabel ma resqu għal kuntratt ta' separazzjoni personali, l-esponenti kellha tifel li jismu C li twieled fil-wieħed u għoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn u disgħa (21.01.2009) kif juri c-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat "Dok C";

5. Illi ghalkemm fiz-zmien tat-twelid tal-imsemmi minuri C D kif ukoll fiz-zmien tal-koncepiment tal-istess minuri, r-rikorrenti u l-intimat E F D kienu ghadhom legalment mizzewgin, il-partijiet kienu diga' separati *de facto* u kienu jghixu separatament u ghalhekk ma tezisti ebda possibilta' li l-minuri huwa l-wild naturali tal-istess intimat E F D tant li dan il-minuri gie koncepit minn stupru fuq l-esponenti;

6. Illi fil-fatt huwa pacifiku bejn il-partijiet li l-minuri C D mhux il-wild naturali tal-intimat E F D u kien proprju minħabba l-presunzjoni tal-paternita' *ai termini* tal-Art. 68 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li l-intimat tniżżel fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri C D;

7. Illi l-kontendenti ddikjaraw fil-kuntratt ta' separazzjoni personali li l-intimat mhuwiex missier ulied l-esponenti u l-intimat reġa' tenna l-istess dikjarazzjoni quddiem in-Nutar Dottor Jonathan Zammit fis-sitta u għoxrin ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (26.02.2014), kopja ta' l-imsemmija dikjarazzjoni qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata "Dok D";

8. Illi r-rikorrenti trid li c-certifikat ta' binha jkun jirrispekkja l-verita' tac-cirkostanzi cioe' li l-misier naturali tal-minuri mhux maghruf u ghalhekk l-minuri C ghandu jiehu l-kunjom tar-rikorrenti u cjoe 'B';

9. Illi ghalhekk jehtieg li c-certifikat tat-twelid tal-minuri jigi emendat b'tali mod li juri l l-intimat E F D mhux missier il-minuri C D stante li l-missier naturali mhux maghruf;

10. Illi ghal kull buon fini, ir-rikorrenti tiddikjara li hija lesta li tissottometti ruhha kif ukoll lill-minuri C D ghal dawk it-testijiet genetici necessarji li permezz taghhom tista' tigi eskluza l-possibilta' li l-intimat E F D huwa l-missier naturali tal-minuri;

11. Illi r-rikorrenti giet debitament awtorizzata tintavola l-kawza odjerna permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 5 rta' Novembru 2015, kopja ta' liema digriet qieghdha tigi hawn annessa u mmarkata "Dok E";

Talbet ghar-ragunijiet fuq premessa li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara li l-minuri C D mhux il-wild naturali tal-intimat E F D u l-istess intimat m'huwiex il-missier naturali tal-istess minuri;

2. Tiddikjara li l-minuri C D huwa l-wild ta' missier mhux maghruf;

3. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbiku ihassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-imsemmi minuri C D mill-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom il-missier il-kliem "E F D" u jissottitwixxih bil-kliem "missier mhux maghruf"; kif ukoll ihassar id-dettalji l-ohra tal-intimat E F D;

4. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ibiddel il-kunjom tal-minuri minn dak prezenti cioe "D" ghal dak tal-esponenti u cjoe "B";

Bl-ispejjez kontra l-intimat E F D li hum inn issa ngunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha espona (fol. 41) :

1. Illi preliminarjament ghall-inqas mill-atti li gew notifikati lill-esponenti tidher li hemm nieqsa l-awtorizazzjoni mehtiega li permezz taghha A B giet mahtura bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri C D skont id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi qed jigi rilevat li fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita` tal-minuri C D, l-esponenti naturalment m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Qorti;

3. Illi bla hsara ghal-premess, biex tirnexxi din l-azzjoni ir-rikorrenti trid tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, hija kellha relazzjoni extramaritali u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista` wkoll ikunu testijiet u provi genetici li jeskludu lir-ragel tar-rikorrenti E F D bhala l-missier naturali tal-imsemmi C D, u dan ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi fl-istess waqt ir-rikorrenti trid ukoll teghleb il-prezunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal- kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri C D ma` jaqbilx mal-att tat-twelid tieghu bin-numru ta' iskrizzjoni 853 tas-sena 2009;

5. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, f'kaz li jigu superati l-eccezzjonijiet fuq imsemmija, l-

esponenti xorta wahda jhoss li huwa fl-ahjar interess tal-minuri li r-rikorrenti tispecifika min huwa l-isem ezatt tal-allegat missier naturali halli b'hekk dan ikun jista` jigi msejjah fil-kawza. Di fatti huwa opportun li jekk il-minuri ha jitlef l-istat ta' bint wiehed u imnissel fiz-zwieg tal-inqas ikun jaf min huwa l-missier naturali tieghu;

6. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ngunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat illi l-konvenut E F D, debitament notifikat bir-rikors ġuramentat ai termini tal-Artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12[1] tal-Liġijiet ta' Malta, ossija bil-proċedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni, ma ppreżentax risposta ġuramentata u b'hekk huwa kontumaċi;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut EF D, mogħtija quddiem in-Nutar Pubbliku Jonathan Zammit fis-sitta u għoxrin (26) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014), fejn huwa ddikjara li m'huwiex il-missier ta' G B, C D u H D li huma lkoll ulied l-attriċi A B.

[1] Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Rat illi l-attriċi kisbet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, sabiex ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kodiċi Ċivili[2] tipproċedi bil-kawża odjerna in vista li ġiet intavolata ferm oltre s-sitt xhur mit-twelid tat-tarbija[3].

Rat l-affidavit[4] tal-**attriċi**, minn fejn jirriżultaw is-segwenti fatti:

1. Illi fis-sena 2007, minħabba diżgwid illi kellha mal-ġenituri tagħha, l-attriċi marret tgħix ġo appartament ma' sħabha. Ma kellhiex sold u kienet tgħix minn dak li kienu jagħtuha l-ħbieb.

2. Kienu l-istess ħbieb illi rranġawlha sabiex fis-sajf tal-istess sena tmur is-Sirja u tiżżewweġ lill-konvenut D, kif fil-fatt għamlet fl-1 ta' Awwissu 2007. Wara ġimgħa fis-Sirja hija rritornat hawn Malta mal-ħbieb u mhux ma' żewġha u ħadet ħsieb tirreġistra ż-żwieġ hawn Malta.[5]

3. Fid-data taż-żwieġ, hija diġa kellha tifel li kien qiegħed jgħix il-Creche Tas-Sliema.

4. Wara ż-żwieġ, hija għamlet sentejn oħra tgħix ma' sħabha filwaqt illi l-konvenut kien ġie hawn Malta u stabilixxa ruħu hawn f'dar għalih ma' qrabatu. Ġieli kien imur jaraha fl-appartament ta' sħabha iżda qatt ma kienu jkunu weħidhom u qatt ma kellhom relazzjonijiet sesswali.

5. Tispjega li f'April 2008 kienet tassew imdejqa u qed tħossha weħidha u kienet aċċettat li toħroġ ma' ħabib ta' ħabib tagħha. Hekk kif hija marret għand dan il-ġuvni, dana kien sakkar il-bieb u stupraha. Minn dan l-istupru

[2] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;
[3] Kopja legali tad-digriet relattiv tinsab esebita fol. 16 et seq.
[4] Fol. 85 tal-proċess;
[5] Ċertifikat taż-żwieġ relattiv jinsab esebit fol. 7;

hija ħarġet tqila u sussegwentement fil-21 ta' Jannar 2009[6], hija welldet lill-minuri C.

6. Peress li fiż-żmien tal-konċepiment u tat-twelid ta' C, kienet legalment miżżewġa lil D, it-tarbija ġiet irreġistrata bħala l-wild tiegħu;

7. Hija ma xtaqitx tara lil din it-tarbija wkoll titrabba fil-Creche u għalhekk rabbiet il-kuraġġ u rranġat ir-relazzjoni mal-ġenituri tagħha. Fl-2010, hija ħarġet lit-tifel il-kbir mill-Creche u bdiet trabbi lilu u lil C flimkien mal-ġenituri tagħha.

8. Hija qatgħet kull kuntatt li kellha ma' D u l-ħbieb l-oħra.

9. Fl-għaxra (10) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) l-attriċi u l-konvenut D kienu resqu għal kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Ruth Antoinette Grima, f'liema kuntratt ġie ddikjarat illi l-minuri C ma kienx iben D.

Rat illi mill-atti jirriżulta li l-konvenut E F D m'huwiex il-missier naturali tal-minuri C D imwieled lill-attriċi nhar il-21 ta' Jannar 2009, u dana kif ġie stabbilit mit-testijiet ġenetiċi ta' paternita` redatti minn Dr. Marisa Cassar[7]. Dr. Cassar ikkonfermat bil-ġurament[8] li hija ħadet il-kampjun orali tal-attriċi A B u tal-minuri C D (imwieled 21/01/2009) u ta' E F D sabiex ikunu jistgħu jsiru t-testijiet ġenetiċi tad-DNA. Mit-testijiet li għamlet, irriżulta illi E F D m'huwiex il-missier naturali u bijoloġiku ta' C D.

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

[6] Ċertifikat tat-twelid tal-minuri jinsab esebit fol. 14;
[7] Rapport esebit fol. 79 u l-affidavit tagħha jinsab ukoll esebit fol. 78;
[8] Affidavit esebit fol. 78;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-Qorti għandha quddiemha żewġ azzjonijiet miġbura f'kawża waħda ossia l-azzjoni tal-omm f'isimha proprju ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kodiċi Ċivili[9], u l-azzjoni tal-iben minuri, debitament rappreżentat minn ommu, ai termini tal-Artikoli 83 et. seq tal-istess Kodiċi. Illi filwaqt li l-azzjoni tal-omm kellha ssir fi żmien is-sitt xhur mit-twelid tal-minuri, l-azzjoni tal-iben innifsu ma tiġix preskritta[10].

L-attriċi tikkontendi li minkejja li l-minuri tnissel u twieled matul iż-żwieġ tagħha mal-konvenut D, dan m'huwiex il-wild naturali u bijoloġiku tal-konvenut, iżda minħabba l-preżunzjonijiet legali naxxenti mil-liġi, partikolarment l-Artikolu 67 tal-Kodiċi Ċivili l-istess minuri ġie mniżżel bħala ibnu.

Għalhekk permezz ta' din il-kawża, qiegħda titlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li Albdul F D mhux il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet neċessarji fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri C billi l-konnotati ta' D jiġu kkanċellati minn fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri C u jiġu sostitwiti bil-kliem "missier mhux magħruf".

Illi l-kawża odjerna, in vista li ġiet intavola mill-**<u>omm</u>** ("kull min ikollu interess") u mhux minn żewġha, u in vista wkoll li l-minuri ġie imnissel fiż-żmien meta l-istess omm kienet miżżewġa lill-konvenut D, tikkwalifika bħala waħda msejsa fuq l-Artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili. Illi l-attriċi ma ressqitx it-talba tagħha fi żmien sitt xhur mit-twelid tat-tarbija sabiex issodisfat ir-rekwiżit tal-Artikolu 77Ċ tal-Kodiċi Ċivili illi jesiġi li azzjoni bħal din odjerna ssir fi żmien sitt xhur mit-twelid tal-minuri. Illi nonostante illi l-attriċi kisbet l-awtorizazzjoni sabiex tipproċedi b'din il-kawża, l-istess awtorizazzjoni hija nulla u invalida in vista li l-liġi hija

[9] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

[10] U dana ai termini tal-Artikolu 84 tal-Kapitolu 16;

tassattiva fil-każ t'azzjonijiet ta' denegata paternita` (b'differenza minn azzjonijiet ta' filjazzjoni) u dawn l-azzjonijiet iridu jkunu intavolati fi żmien sitt xhur mit-twelid tat-tarbija, u ma tagħtix il-possibilita` illi l-omm tikseb l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex tiġi intavolata azzjoni bħall-preżenti wara t-terminu tas-sitt xhur.

Dan il-kunċett legali ġie elaborat minn din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet Nadine Falzon vs. Jalil Zaneldin[11] fejn ġie spjegat:

> "Illi l-kawża odjerna, in vista li ġiet intavola mill-**omm** ("kull min ikollu interess") u mhux minn żewġha, u in vista wkoll li l-ulied ġew imnissla fiż-żwieġ, tikkwalifika bħala waħda msejsa fuq l-Artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili. Illi kif ġustament eċċepixxa d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, a tenur tal-Artikolu 77Ċ tal-Kodiċi Ċivili, l-azzjoni odjerna kellha ssir fi żmien sitt xhur mit-twelid tal-minuri. Difatti l-Artikolu 77Ċ jistipula
>
> *"Fil-każijiet imsemmija fl-artikoli 77, 77 A u 77 B il-persuna li tgħid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiż-żwieġ, jew il-mara skont il-każ, jistgħu jipproċedu b'kawża għal dikjarazzjoni ta' paternità jekk huma jressqu r-rikors ġuramentat tagħhom fi żmien sitt xhur mit-twelid tat-tifel".*
>
> *Iżda l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tista', wara li jsir rikors mill-persuna li tgħid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiż-żwieġ jew mill-mara u, jekk ikun possibli wara li tkun semgħet lill-partijiet interessati kollha, u wara li tkun qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tat-tifel, f'kull żmien tawtorizza lill-persuna li tgħid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiż-żwieġ jew lill-mara biex jibdew kawża għal dikjarazzjoni ta' paternità kif imsemmi fl-artikoli 77A u 77 B."*

[11] Rikors Ġuramentat 268/11AL, deċiża fis-7 ta' Diċembru 2016;

> Il-Qorti tirrileva, illi fin-nuqqas li l-kawża tiġi preżentata fi żmien sitt xhur mit-twelid tat-tarbija, l-awtorizzazzjoni tal-Qorti tista' tinkiseb sabiex xorta waħda issir azzjoni ta' filjazzjoni a tenur tal-Artikolu 77A u 77B sabiex ikun dikjarat il-missier naturali tal-minuri.
>
> Biss din l-awtorizzazzjoni ma tistax ugwalment tinkiseb għall-azzjonijiet ta' denegata` paternita a tenur tal-Artikolu 77. Fit-tieni paragrafu tal-artikolu 77Ċ appena ċċitat, l-artikolu 77 m'huwiex imniżżel, sija fit-test Malti u wkoll fit-test Ingliż. Huma mniżżlin biss l-Artikoli 77A u 77B. Dana m'huwiex żball jew koinċidenza, għaliex sija l-Qrati, fil-ġurisprudenza tagħna, u wkoll il-leġislatur jirreżistu li jbiddlu l-istat tal-ulied imnissla u mwielda fiż-żwieġ.
>
> Għaldaqstant, anke jekk fil-każ odjern l-awtorizzazzjoni ma ġietx mitluba, lanqas setgħet tingħata, u l-azzjoni, ġjaladarba hija mressqa mill-omm, kellha ssir fi żmien sitt xhur mit-twelid tal-ulied. Dana ma seħħx fil-każ odjern, għaliex il-kawża ġiet intavolta wara għeluq is-sentejn tal-minuri Kaydon u għeluq il-ħames snin tal-minuri Andae."

Iżda fil-preżenti, b'differenza mill-kawża appena ċċitata, l-azzjoni qiegħda tiġi ntavolata wkoll mill-minuri nnifisu, debitament rappreżentat mill-kuratriċi *ad litem*, ommu. Illi kieku dan ma kienx il-każ, il-Qorti kienet tieqaf milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kawża u tiċħad it-talba attriċi, in vista tal-fatt li t-talba tal-omm hija, kif diġa ingħad, *fuori termine*.

Hija fehma tal-Qorti, illi <u>l-wild għandu l-fakolta` illi dejjem u meta jrid iressaq provi illi jindikaw illi l-istat tiegħu m'huwiex konformi maċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu</u> u għaldaqstant jitlob lill-Qorti sabiex isiru l-korrezzjonijiet meħtieġa. Dana bis-saħħa tal-Artikoli 83 u 84 tal-Kodiċi Ċivili illi jistipulaw:

***“83. Il-prova kuntrarja tista’ ssir b’xiehda li turi illi min jitlob l-istat mhux bin il-persuna illi hu jgħid li welditu, inkella, meta din hija pprovata, illi hu mhux bin il-parti l-oħra taż żwieġ.***

***84. M’hemmx preskrizzjoni għall-azzjoni għal tifel biex jistabbilixxi l-filjazzjoni proprja tiegħu.”***

Illi għalhekk m’hemm l-ebda impediment proċedurali għall-minuri sabiex jintavola l-kawża tiegħu f’dan l-istadju u cioe qrib is-seba’ snin mit-twelid tiegħu.

In vista ta’ dan, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex teżamina l-mertu tal-każ odjern u cioe jekk il-minuri huwiex effettivament iben il-konvenut D jew le.

<u>Fil-mertu</u>, jirriżulta illi fil-każ odjern il-Qorti tista’ sserraħ fuq iċ-ċertezza tat-testijiet ġenetiċi illi jistabilixxu jekk il-minuri huwiex iben il-konvenut D o meno.

L-aqwa prova, f’kawżi bħal din, huma t-testijiet xjentifiċi u ġenetiċi, li fil-każ odjern jikkonfermaw illi l-konvenut D m’huwiex il-missier bijoloġiku tal-minuri C. It-test xjentifiku, hekk kif ikkonfermat bil-ġurament, jegħleb kull preżunzjoni legali relatata mal-paternita’ tat-trabi mnissla fiż-żwieġ u jelimina kull dubju dwar l-istess paternita’. Għaldaqstant, il-provi miġjuba quddiem din l-Onorabbli Qorti juru bl-aktar mod ċar u inekwivoku li l-minuri C m’huwiex il-wild naturali tal-konvenut D. Illi għalhekk il-Qorti tara li m’hemm l-ebda raġuni għalfejn m’għandhiex tilqa’ t-talbiet attriċi.

Inoltre, fil-każ odjern, l-omm mill-bidu stqarret mingħajr tlaqliq illi hija ma kellha ebda relazzjonjiet intimi u sesswali mal-konvenut D. Din id-dikjarazzjoni tal-attriċi għandha piż probatorju għoli ferm, rikonoxxut anke mil-liġi, li fl-Artikolu 70(2) tal-Kodiċi Ċivili jistipula illi:

***“70 (2) Id-dikjarazzjoni tal-konjuġi li wiled fis-sens li l-konjuġi l-ieħor mhux il- ġenitur naturali tal-wild għandha***

***tingħata konsiderazzjoni f'kawża li tkun tirrigwarda l-esklużjoni tal-konjuġi l-ieħor minn ġenitur."***

L-istess konvenut ukoll ikkonferma li ulied l-attriċi A B, m'humiex il-frott bijoloġiku tiegħu minkejja li seta' ġie ddikjarat hekk fiċ-ċertifikati tat-twelid tagħhom. Illi huwa qatt ma kellu ebda involviment fil-ħajja tal-minuri u li qatt ma kien il-figura paterna tiegħu.

Illi, in vista tal-premess, il-Qorti hija moralment konvinta li l-verżjoni tal-attriċi hija veritiera u li l-minuri C m'huwex il-wild naturali u bijoloġiku tal-konvenut E F D. Il-minuri irnexxielu jipprova sal-grad rikjest mil-liġi li m'huwiex il-wild naturali u bijoloġiku tal-konvenut D u għaldaqstant il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għaliex it-talba tiegħu ma tiġix akkolta.

**DEĊIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża u tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku billi tilqa' t-talbiet attriċi u konsegwentement

1. Tiddikjara illi l-minuri C, imwieled lill-attriċi nhar il-21 ta' Jannar 2009, m'huwiex il-wild naturali u bijoloġiku tal-konvenut E F D;

2. Tiddikjara illi m'huwiex magħruf min hu l-missier bijoloġiku tal-istess minuri;

3. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid tal-istess C, innumerat tmien mija u tlieta u ħamsin tas-sena elfejn u disa' (853/2009) jikkanċella l-konnotati kollha tal-konvenut EF D bħala l-missier u minflok jinserixxi il-kliem "missier mhux magħruf"; Jikkanċella wkoll il-kliem "the said" mill-konnotati tal-omm;

4. Konsegwentement tordna illi l-minuri, b'effett mill-preżenti, jkun magħruf bil-kunjom B għall-finijet u l-effetti kollha tal-liġi;

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tat-testijiet ġenetiċi esebiti f'din il-kawża, ikunu sopportati ugwalment bejn l-attriċi A B proprio u l-konvenut E F D.